**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' April, 2017

Rikors Guramentat numru : 58/2016 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permez tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elf disa` mija u tlieta u disghin (1993) kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg anness u mmarkat "Dokument A";

Illi minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal u cioe` M li twieldet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf disa` mija u erbgha u disghin (1994) u F li twieldet fil-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija u sitta u disghin (1996) u li ghalhekk huma maggorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi anness u mmarkat Dokument B;

Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba` (4) snin ;

Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba` (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi skont l-artikolu 4 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-mara ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand ir-ragel filwaqt li r-ragel irrinunzja ghad-dritt ta' manteniment. Il-manteniment ghal ulied, li llum huma maggorenni, kien regolat skont l-artikolu 5 (iii) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante li ghad hemm arretrati ta' manteniment x'jithalsu u dan kif qed jigi spjegat kif gej:

1. Ir-rikorrenti zewgha qatt ma hallas mis-sena 2013 sal-lum nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha ta' bintu minuri Francesca mis-sena 2013 kif kien obliga ruhu li jaghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni.

2. Ir-rikorrenti zewgha dejjem irrifjuta li jghaddi manteniment ghal uliedu Maria u Francesca li llum saru maggorenni u ghadhom l-Universita jistudjaw full time. Maria ghandha 21 sena u Francesca ghandha 19-il sena.

3. Illi kemm-il darba vvantat tibda proceduri sabiex tali obbligazzjoni tigi estiza sakemm it-tfal ikollhom 23 sena u jibqghu jistudjaw full-time , wahda permezz ta' rikors generali li gie michud ghax ir-rikorrenti eccepixxa li din mhix l-procedura idoneja u dan ghamlitu biex tevita spejjez ta' kawza u t-tieni wahda giet michuda stante din l-Qorti diversament preseduta dehrilha li la l-kbira kienet maggorenni kellha tiftah l-proceduri l-istess tifla.

4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess tali obbligu huwa tassiv fuq ir-rikorrenti li jghaddi manteniment sakemm uliedu jghalqu 23 sena u jibqghu jistudjaw full-time u ghalhekk ma jistghax jinghad li ma hemmx pendenzi dwar il-manteniment liema pendenzi jipprekludu lil zewgha milli jottjeni d-divorzju.

5. L-Artikolu 66D (2) tal-Kap 16 jimponi wkoll l-kondizzjoni "*li kemm-il darba ttalba ghad-divorzju tintlaqa tkun aktar difficli ghall-istess parti l-ohra li tikseb l-hlas ta' manteniment.* "

6. Illi arretrati ta' manteniment ghalhekk hemm is-segwenti:

Nofs l-ispejjez edukazzjoni u sahha tat-tifla z-zghira Francesca mis-sena 2013 sal-lum li jlahqu 1000 ewro.
Awment gholi tal-hajja minn meta l-bniet ghalqu 18-il sena sal-lum.

Manteniment ghat-tifla l-kbira Maria minn meta ghalqet 18-il sena sal-lum bir-rata ta' €255.06 kull erba gimgha kif kien qed jghaddilha skond l-gholi tal-hajja u cioe:

27.7.2012 meta ghalqet 18-il sena sal-lum cioe:
17.7.2012 sa 27.7.2015 - €3315.78 fis-sena ghal 3 snin = €9947.34c
27.7..2015 sa 27.5.2015 – 45 gimgha li jigu €2869.42

Total dovut lil bintu Maria €12,816.76c

Manteniment dovut lil binthom z-zghira Francesca li ghalqet 18-il sena fl-20 ta' Ottubru 2014:
20.10.2014 sal-20 ta' Ottubru 2015 = €3315.78
20.10.2015 sa 27.5.2015 – 31 gimgha €1976.72c

Total dovut ghaz-zewgt ibniet **€18,109.25c.**

7.Salvi risposti ulterjuri

8.Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu l-intimata infurmat lill-Qorti illi ir-rikorrenti kien hallasha l-arrettrati kollha minnu dovuti lilha u li permezz tieghu talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Caruana.

Rat illi ir-rikorrenti ma oggezzjonax ghal din it-talba. Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' din it-talba, tawtorizza lill-intimata tirriveri ghal kunjom xbubitha u cioe' Caruana u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu il-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Mejju 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.